VICTOR XUEREB

# FRANĠISKU SAVERJU BALDACCHINO

## *Prepostu ta' l-Oratorjani ta' San Filippu ta' l-Isla*
## *Kittieb bikri ta' Proża u Poeżija bil-Malti*

Għal min għandu għal qalbu l-istorja tal-letteratura Maltija, l-aħħar kwart tas-seklu tmintax u l-ewwel nofs tas-seklu dsatax għandhom importanza kbira. Għax dak kien iż-żmien meta kienu qed jinżergħu, f'art mielħa u mirjieħa, l-ewwel żergħat tal-letteratura Maltija. L-art kienet maħnuqa minn għeruq ta' siġar oħra: siġar ta' politika u kultura barranija. Imma, l'hawn u l'hinn, kienu bdew jiftħu xi wardiet Maltin bħal Vassalli, D'Amico, Taylor, Caruana u xi oħrajn. Kien għadhom ftit wisq. Imma kienet bdiet tiftaħ xi warda patrijottika u reliġjuża Maltija. Kienu bdew jinkitbu l-ewwel poeżiji letterarji u beda jiġi mgħallem il-katekiżmu ta' Wizzinu bil-Malti.

U fuq il-pulpti tal-knejjes tagħna kienet bdiet tinstema' xi priedka bil-Malti, speċjalment waqt xi missjoni popolari u waqt l-eżerċizzi tar-randan. Il-paniġirku tal-festi, naturalment, kien għadu jsir bit-Taljan. Anki fl-irħula. Imma kienet bdiet tinħass il-ħtieġa li fejn is-semmiegħa ma jifhmux it-Taljan, xi wħud fost il-predikaturi jippridkaw bil-Malti.

Kien eżattament fl-aħħar kwart tas-seklu tmintax u fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax meta deher fl-Isla wieħed li għalkemm għadu minsi sa llum, kien qed iħoss il-polz ta' Malta u kellu għal qalbu l-ħtieġa kemm tat-tagħlim reliġjuż kemm ukoll tal-kelma Maltija. Kien bniedem li jistħoqqlu jkun magħruf minn min jgħożż il-Malti. Kien jismu Franġisku Saverju Baldacchino. Kien qassis għaref u tar-ruħ.

B'xorti tajba, kull ma kien jippriedka, kemm bit-Taljan u kemm bil-Malti, kien jippreparah sewwa u meta kien ikollu għadd ġmielu ta' priedki fuq l-istess suġġett, kien iżommhom u jdommhom u jillegahom volum volum. Bħalma sa naraw aktar 'il quddiem, fil-librerija l-qadima ta' l-Oratorjani ta' San Filippu ta' l-Isla, ħalla warajh tnejn u tletin volum ta' priedki. Kollha miktubin b'idejh, ċari, u għadhom jinqraw tajjeb sa llum. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-priedki huma bit-Taljan, imma, mxerrdin l'hawn u l'hinn qalb il-priedki bit-Taljan, hemm għadd sabiħ ta' priedki bil-Malti. Kollha priedki sbieħ mibnijin sewwa fuq il-Bibbja u fuq is-Santi Padri.

Bil-Malti ħalla wkoll ġabra ta' tlettax-il poeżija reliġjuża. Miktubin fl-1813 meta Malta ntlaqtet mill-marda kiefra tal-pesta.

Franġisku Saverju Baldacchino twieled fl-Isla fit-3 ta' Diċembru, 1774. Missieru kien jismu Ġużeppi, mill-Isla u ommu kien jisimha Marija mwielda Fenech, minn Ħal Tarxien[1]. Franġisku twieled l-Isla u għammduh fil-knisja parrokjali. Il-familja ta' Baldacchino nafu li kienet familja devota u tat-tajjeb. Kellhom devozzjoni kbira

1. Liber baptisimarum ta' l-Isla, X fol 47.



lejn il-Kunċizzjoni. Kull sena, nhar it-8 ta' Diċembru, kienu jagħmlu festa ad unur tal-Kunċizzjoni fid-dar tagħhom stess. In-nannu tiegħu, (missier ommu) kien ġab miegħu statwa sabieħa ta' l-injam minn Spanja u dik l-istatwa l-ewwel wirtitha ommu, u mbagħad, meta daħal mal-Filippini, ommu tathielu u għadha sa llum fil-kunvent ta' San Filippu ta' l-Isla. Huwa stess jgħid li meta kellu tnax-il sena kien għamel l-ewwel priedka tiegħu fid-dar t'ommu quddiem din l-istatwa sabiħa[2]. Din id-data ta' l-ewwel priedka twassalna sal-1786. Daħal ma' l-Oratorjani ta' San Filippu fl-1794[3] jew qabel. Almenu f'din id-data żgur li kien diġà Oratorjan.

Data oħra żgura fil-ħajja tiegħu hija ta' 23 ta' Diċembru tal-1797 meta ġie ordnat saċerdot[4]. Kellu tlieta u għoxrin sena. L-għada stess, lejlet il-Milied tal-1797, qaddes l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja ta' San Filippu ta' l-Isla[5].

Fejn għamel l-istudji tiegħu, ma nafux. Imma mill-kotba li sa nsemmi aktar 'il quddiem, jidher li kien jiġi kkonsultat mill-Isqof, u li kien wieħed mill-eżaminaturi ta' dawk il-qassissin li kienu jridu jilħqu kappillani fil-parroċċi. Dawn il-kandidati kienu jiġu eżaminati fit-tagħlim tad-Dogma u tal-Morali. Uħud minnhom kienu jkunu nies illawrjati fit-Teoloġija. Bilfors li l-eżaminatur tagħhom kien bniedem illawrjat ukoll. Barra minn hekk, l-Isqof, meta kien imur jagħmel il-Vista Pastorali fil-parroċċi, ġieli ħadu miegħu bħala Ko-visitatur[6]. Il-probabilità hi li meta daħal mal-Filippini, dawn bagħtuh jistudja barra. Jew Palermo, jew Ruma.

Minn meta qaddes fil-1797 sakemm miet fl-1860 ma ċċaqlaq qatt minn San Filippu ta' l-Isla ħlief għal xahrejn fl-1837 meta mar joqgħod fid-dar tal-familja tiegħu għax il-kunvent u l-knisja ta' San Filippu kien ħadhom taħt idejh il-Gvernatur Bouvarie biex jużahom bħala sptar provisorju għal dawk in-nies mill-Isla, Bormla u l-Birgu li kienu nfettati bil-kolera[7]. L-istudji tal-lawrja ma setax għamilhom wara li laħaq qassis. Għax minn reġistru tal-quddies li għandna fil-librerija, il-firma ta' Baldacchino tidher kważi kull ġimgħa bejn l-1798 sal1855! Bilfors li ma kienx imsiefer f'dawn is-snin! Il-lawrja ħadha qabel ma qaddes.

Minn meta qaddes fil-1797 sa bejn wieħed u ieħor l-1852, meta tilef id-dawl, Baldacchino taha b'ruħu u ġismu għax-xogħol pastorali: jippriedka, jqarar, jagħti l-pariri, jaqra l-aħħar kotba li jidħlu fil-librerija, u jikteb. Kull sena kien jagħti l-irtir tat-tmint ijiem lil dawk li kienu sa jiġu ordnati qassissin. Wara 1852, ma baqax jara. L-aħħar paġni tad-djarju tiegħu juru li tassew kien beda jitlef id-dawl. Jibda jwaqqa' l-linka, jaqbeż il-vers, jew jitla' 'l fuq mill-vers jew jinżel 'l isfel. Jibda jikteb kbir u mħaxlef. Fl-1852 jieqaf għal kollox u d-djarju tad-Dar jibda jiktbu P. Pawlu Lebrun. Id-djarju tad-Dar kien ilu jiktbu hu mill-1831 sal-1852[8].

2. Libro in cui si notano l'introito e l'esito appartenenti alla reverenda Immagine di M. Santissima, foll. III (1801).
3. Introito ed esito, fol. III.
4. Register Ordinationum, 4 76/165v.
5. Memorie Diverse, Vol 3 fol. 280.
6. Il-Vol. XI tal-Priedki, fol 168ff fih is-sehem li ħa Baldacchino fil-Vista Pastorali ta' Ħaż-Żabbar.
7. Memorie Diverse, Vol. 2, fol 44–46.
8. Memorie Diverse, Vol. 2, minn foll 352 'il quddiem.

Kien lahaq Superjur tad-Dar ta' San Filippu fl-1825 u baqa' Superjur, – jew Prepositu, kif kienu jsejhulu huma – sa meta miet fit-18 ta' Novembru 1860[9]. Anki meta x-xoghol ta' l-amministrazzjoni beda jaghmlu P. Pawlu Lebrun, it-titlu ta' Prepostu baqa' f'idejh.

Difnuh fil-knisja stess ta' San Filippu fejn kien ghex u hadem matul hajtu kollha. Dnub li l-qabar tieghu ma nafux liema hu[10]. Difnuh mal-Kongregati ta' San Filippu li kellhom sotterran taht l-artal ta' San Filippu ghalihom biex jindifnu fih. Imma meta l-knisja ta' San Filippu, aktar tard, ghamluha bl-irham, il-bieb ta' dan is-sotterran inghalaq u tqieghed l-irham fuqu. Il-bieb irid ikun x'imkien hdejn l-artal ta' San Filippu. Ghalkemm tektikt fuq l-irham biex nara hemmx xi haġa mbewwqa tahtu, ma hassejt xejn. Fil-librerija sibt biss lista tan-nies li hemm midfunin fl-oqbra l-ohra li hemm imxerrdin mal-Knisja, imma l-lista ma tghid xejn fuq fejn hu l-qabar ta' l-Oratarjani stess. Tghid biss li l-Kongregati u l-Filippini kienu jindifnu ġos-sotterran taht l-artal ta' San Filippu.

Ghidna li Baldacchino kien Oratorjan ta' San Filippu jew Filippin. Il-Filippini ma kinux patrijiet. Kienu qassissin tad-djoċesi li jghixu flimkien f'hajja ta' studju u appostolat, taht ir-regola ta' San Filippu Neri. Ma kienx ikollhom il-voti ta' faqar u ubbidjenza. L-ubbidjenza taghhom kienet biss lejn l-isqof bhall-qassissin l-ohra. U kienu jibqghu taht il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof. L-Isqof kellu s-setgha li jċaqlaqhom kif jidhirlu hu ghall-ġid tad-djoċesi. Lil wiehed ghamlu viċi-rettur tas-seminarju. Lil ohrajn ghamilhom kappillani f'parroċċi differenti ta' Malta: in-Naxxar, il-Gharghur, Hal Tarxien u wiehed lahaq arċipriet ta' l-Isla fl-1622. L-ewwel superjur kien Dun Xmun Schembri u l-ahhar wiehed li miet kien Dun Angelo Raggio, fl-1928. Illum spiċċaw. F'Malta, l-Oratorjani kellhom żewġ kunventi, wiehed il-Birgu u l-iehor l-Isla[11].

Ġo San Filippu ta' l-Isla, l-Oratorjani kellhom librerija mill-aqwa f'dak li huma Teoloġija, Filosofija, u kitbiet tas-Santi Padri. Din il-librerija ghadha teżisti sa llum u ghadha kif hallewha huma bl-istess kotba fuq l-istess xkafef fejn qeghduhom huma. U ghad hemm l-inventarju ta' kull ktieb li kien hemm fuq kull xkaffa. Illum din il-librerija qieghda f'idejn il-Ġiżwiti li bdew imexxu d-Dar u l-knisja ta' San Filippu fl-1958.

Il-kitbiet tal-Prepostu Baldacchino instabu kollha ġo din il-librerija kif sa nsemmu aktar 'il quddiem.

**Il-kitbiet tal-Prepostu Baldacchino**

Din li ġejja hija lista tal-kitbiet ta' Franġisku Saverju Baldacchino mill-1797 sal-1860. Imma aktarx li mhix lista komplita. Ghax biċċa mill-arkivju fejn kienu l-kitbiet ta' Baldacchino spiċċa fil-ġiebja meta l-kamra ż-żghira tal-librerija ntlaqtet bil-bombi waqt l-air-raids fuq l-H.M.S. Aircraft carrier, Illustrious, fl-ahhar

9. Liber Defunctorum ta' l-Isla VII, p. 415.
10. Karta wahda li taghti l-lista ta' min hemm midfun fis-sbatax-il qabar li hemm f'diversi partijiet tal-knisja ta' San Filippu.
11. Ara Alex Bonnici, Vol. II, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina*, p. 76–83, 108, 193–197 u 338.



gwerra. Din li ġejja hija l-lista tal-kitbiet ta' Baldacchino li ghad baqa' fil-librerija u li nstabu minn Fr Victor Xuereb S.J. fis-Sajf tal-1986. L-ebda wiehed minnhom mhu stampat. Kollha manuskritti miktubin ċari b'idejh u llegati flimkien.

Nibdew b'*Memorie Diverse*. Tliet volumi. L-ewwel wiehed ta' 300 faċċata, it-tieni ta' 542 u t-tielet ta' 446 faċċata. Billi dawn il-kotba jinkludu d-djarju tieghu sal-1852 ma setghux kienu kompluti qabel din id-data. Imma, naturalment kien ilu jahdem fuqhom ghal hafna snin. Fihom minjiera shiha ta' taghrif fuq l-istorja tal-Knisja ta' Malta inkluża l-lista tal-Ingwiżituri sal-1978 meta ġew il-Franċiżi. Fihom ukoll l-istorja ta' kif inqatghet il-parroċċa tal-Floriana mill-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt. Miktubin bit-Taljan. Imbaghad inżidu:

(a) *Volum wiehed tad-Dhul u Hruġ tal-artal ta' San Filippu.* Barra l-kontijiet ta' ġbir u spejjes, dan il-volum fih ukoll noti awtobijografiċi ta' F.S. Baldacchino.
(b) *Raccolta di alcuni privilegi ottenuti dalla S. Sede.* Il-ktieb miktub fil-1839.
(ċ) Volum ta' 332 faċċata fuq iċ-ċerimonji liturġiċi tal-Ġimgha l-Kbira. Jismu: *Prattica dei Sacri Riti e Cerimonie nelle Sacre Funzioni che si celebrano nella Settimana Santa.* Miktub fl-1842.
(d) *Volum żghir iehor ta' ċerimonji liturġiċi.* Mieghu fih illegat ukoll *Un ragguaglio del furto sagrilego della S. Pisside continente le Specie Consecrate, commesso a Malta, e del suo mirabile ritrovamento.* Din it-tieni parti illegata fl-istess volum hija miktuba mis-Saċerdot Dr Ludovico Mifsud Tommasi fl-1837. Il-pissidi kien insteraq mill-knisja tat-Teresjani ta' Bormla u nstab ġo miżbla hdejn il-bieb tal-Birgu.
(e) Żewġ "files" hoxnin ta' *Miscellana e Lettere.* Fihom ġabra ta' hafna dokumenti u ittri importanti. Fosthom hemm żewġ ittri awtografi tal-Kardinal Sciberras. Minn ittra ohra mibghuta minn Baldacchino lill-Isqof Caruana, nsibu li d-dar ta' San Filippu kienet isservi wkoll bhala riformatorju ghal xi qassissin Maltin u Ghawdxin li kienu żbaljaw. F'ittra ohra hemm li l-Oratorjani kienu jibaghtu xi tfal Maltin li ma jistghux ihallsu biex jistudjaw Palermo. Fihom hafna ittri (il-kopji taghhom) li kien baghat Baldacchino lil hafna nies importanti u r-risposti taghhom.
(f) *Biċċa minn reġistru tad-Dhul u l-Hruġ tad-Dar.* Bla qoxra. Jibda mill-faċċata 109 sal-201 u jkopri minn Lulju 1837 sal-1854. Mhux kontijiet biss. Fih hafna storja tad-Dar biex jispjega ta' xiex saru l-ispejjeż. Miktub bil-*handwriting* ta' Baldacchino sal-1849. Imbaghad jibda P. Pawlu Lebrun. Imma Lebrun iniżżel id-dhul u l-ispejjeż minghajr ma joqghod jispjega fit-tul.
(g) Ghandu ktieb iehor ta' 370 faċċata fuq l-obbligi li ghandu qassis. Qisu Vade Mecum tal-qassissin. Ghandu l-isem twil ta' *Raccolta di alcuni notificazioni, Editti, e Lettere, Molto Eruditive, Istruttive e Morali, molto Utili a sapersi dalli Ecclesiastici. Fatta dal Preposito Baldacchino nel 1845.* Ktieb bhal dan żgur li kien isibu ta' htieġa kbira ghalih biex jaghti l-eżortazzjonijiet lill-qassisin.

(h) *Tnejn u tletin volum ta' priedki.* Priedki ta' kull xorta: paniġierki, istruzzjonijiet, irtiri, noveni, omelji, priedki għal waqt l-eżerċizzi, priedki fuq il-Madonna, priedki fuq kull parti tal-katekiżmu. Baldacchino kien jikteb kull priedka fuq fuljetti ta' l-istess daqs, jillegahom fi ktieb biex ma jintilfux. Fil-bidu jew fl-aħħar ta' kull volum kien jikteb Werrej biex ikun jista' jsib bil-ħeffa il-priedki li jkun hemm fil-volum. Biex ma jippridkax l-istess priedka ġo l-istess parroċċa, ma' l-isem tal-priedka kien jikteb ukoll f'liema parroċċi ippridkaha u kultant id-data ta' meta ppridkaha wkoll. Dawn il-volumi fihom il-priedki li ppriedka bejn l-1797 u l-1850. F'ħafna mill-Volumi kien iniżżel id-data ta' meta għaqqadhom fi ktieb imma dik id-data ma turix meta kitibhom. Turi biss meta ġabar fi ktieb il-priedki li kien diġà kiteb qabel. Per eżempju fil-Volum XXVI li hu wieħed mill-aħħar li llega, għandu nota ħdejn l-ewwel priedka li tgħid li dik il-priedka għamilha fl-1799. Id-data li fihom il-volumi fiha mportanza għax turi li dawk il-priedki li fih il-volum zgur li nkitbu *qabel* u hemm ħaġa oħra li tgħinna wkoll biex inkunu nafu meta kiteb din jew dik il-priedka. Hija din: il-volumi kollha li għaqqad qabel l-1825, kien jiffirmahom "fatto dal PADRE Francesco Saverio Baldacchino" waqt li l-volumi li għaqqad *wara* l-1825 jiffirmahom "fatto del PREPOSITO Francesco Saverio Baldacchino. Għax fl-1825 laħaq Prepostu jew Superjur.

Il-volumi huma kollha ta' l-istess daqs imma jvarjaw fil-ħxuna. L-irqaq volumi fihom 350 faċċata waqt li l-eħxen, ilaħħqu l-elf.

Il-parti l-kbira tal-priedki huma bit-Taljan. Imma, mxerrdin l'hawn u l'hinn fil-volumi hemm għadd sabiħ ta' priedki bil-Malti. Baldacchino kien jadatta l-priedka tiegħu għas-semmiegħa. Fil-volum tal-paniġierki ma sibtx ħlief paniġierku wieħed bil-Malti. Fuq San Ġużepp. Imma fil-volumi fejn għandu l-priedki ta' l-Eżerċizzi tar-randan hemm almenu erbgħin priedka bil-Malti. Għax dawn kienu magħmulin biex jilħqu lil kulħadd. U l-Malti tiegħu jaf ikun mexxej u b'medda sabiħa ta' vokabularju. It-titlu tal-priedka li jikteb fuq il-Werrej huwa dejjem bit-Taljan, imma meta tqalleb il-volumi ssib li f'għadd sabieħ ta' priedki, it-titlu bit-Taljan imma l-priedki bil-Malti. Huma eżempju sabieħ tal-proża Maltija ta' l-ewwel nofs tas-seklu dsatax.

(i) Ħallejt għall-aħħar *ġabra ta' poeżiji bil-Malti* li kiteb fl-1813, meta f'Malta kien hawn il-marda kiefra tal-pesta. Hija ġabra ta' tlettax-il poeżija. Il-biċċa l-kbira tagħhom huma versi tat-tmienja u mqassmin fi strofi ta' erba' versi li jirrimaw AABB. Però għandu waħda li tixbah it-terza rima, strofi ta' tliet versi li jirrimaw ABA CDC. L-iqsar waħda fiha żewġ strofi, l-itwal waħda fiha tmintax.

Ta' poeżija minnhom għandu żewġ versjonijiet. L-ewwel għandu poeżija ta' disa' strofi (b'waħda maqtugħa) u mbagħad għandu versjoni itwali li tlaħħaq erbatax-il strofa. Is-suġġett huwa djalogu bejn Ġesù u Marija. Ġesù jgħidilha għaliex bagħat il-kastig u Marija titolbu biex iwaqqaf il-flaġell tal-pesta għax Hi ommhom bħal ma Hi Ommu.



Ġ. Cassar Pullicino fil-*Kitba w Kittieba tal-Malti*, it-Tieni Ktieb, l-Ewwel Taqsima p. 43–44, jgħid li "bejn Mejju 1813 u Jannar 1814, fuq Malta kien waqa' biżà kbir u ġo l-Isla li kienet għadha ma ċċappsitx bil-pesta, sar talb speċjali biex il-belt tibqa' ħielsa mill-flaġell". U jikkwota siltiet minn manuskritt anonimu li hemm fil-Biblijoteka Nazzjonali (R.M.L. Misc 757) li fih xi strofi mill-kurunelli li kienu jingħadu ġo l-Isla.

L-interessanti hu li erbgħa mill-għaxar siltiet li jsemmi Cassar Pullicino qegħdin f'dawn il-poeżiji ta' Baldacchino; żewġ strofi li jikkwota Pullicino qegħdin f'poeżija ta' erbatax-il strofa; strofa oħra li tibda 'Qaddisa Marija Omm ħanina' hija waħda minn disa' strofi li kollha jibdew 'Qaddisa Marija'; strofa oħra lil San Pawl, għandha magħquda magħha aktar strofi lil San Filippu Neri (għax Baldacchino kien taħt ir-regola ta' San Filippu) u lil xi qaddisin oħra.

Kellu raġun jgħid Cassar Pullicino li dawn il-poeżiji anonimi inkitbu fl-1813–4. Imma issa nafu wkoll li nkitbu fil-kunvent ta' San Filippu ta' l-Isla minn Franġisku Saverju Baldacchino. M'għadhomx anonimi.

L-Oratarjani ta' San Filippu ta' l-Isla kellhom wkoll librerija. Għal żmienha kienet librerija aġġornata ħafna. Imma l-istorja tagħha hija differenti mill-istorja tal-libreriji sħabha. Li ġara kien li l-Oratorjani ma baqgħux jeżistu aktar u l-librerija tagħhom baqgħet fil-kunvent ta' San Filippu li mill-1958 'l hawn, waqa' f'idejn il-Ġiżwiti. Il-librerija sħiħa għadha hemm kif ħallewha l-Filippini. Il-Filippini damu l-Isla mill-1662 sal-1928.

Il-librerija kienet tikkonsisti f'żewġ kmamar, waħda kbira u oħra żgħira. Il-kbira kien fiha xi għoxrin vetrina waħda ħdejn l-oħra li jgħattu l-ħitan kollha tal-kamra għoli ta' xi għaxar piedi. Iż-żgħira, imniffda magħha, kienet tinżamm maqfula. Għax kien fiha dokumenti privati tad-Dar, atti notarili, u l-kotba pprojbiti! Kotba pprojbiti bħal bibbji protestanti, xogħlijiet ta' Dumas u ta' Voltaire u affarijiet hekk. Kien hemm ukoll fil-librerija ż-żgħira x-xogħlijiet ta' Baldacchino.

Waqt l-air-raids fuq l-Illustrious, li kienet qed tissewwa anqas minn ħames mitt pass mill-kunvent, din il-kamra ż-żgħira intlaqtet b'bomba u biċċa minnha niżlet ġol-ġiebja ta' taħt id-Dar. Il-kotba u d-dokumenti li sgħtu isalvaw imlewhom malajr malajr ġox-xkejjer u ġo kaxxi tal-kartun u poġġewhom waħda tmiss ma' l-oħra fuq il-vetrini tal-kamra l-kbira. Naturalment, kollox imħallat flimkien. B'kollox xi erbgħin xkora.

U ġox-xkejjer baqgħu sas-sajf tal-1986 meta Fr Victor Xuereb, s.j. is-superjur tad-Dar, beda jniżżel xkora xkora u jagħżel kull karta u ktieb siewi li kien fihom. Fix-xkejjer kien hemm minn kollox: kotba tajbin, qxur ta' kotba, karti mgħaffġin, trab, ġir tal-ħajt, kotba mtaqqbin bl-isplinters u biċċiet ta' ċaċċiżi tal-bibien! Imma kien hemm wkoll dawn il-kotba kollha ta' Baldacchino li semmejna aktar 'il fuq.

Mill-gwerra 'l hawn, ħadd ma kien mess ix-xkejjer. L-ewwelnett għax kienu tqal biex toqgħod tniżżilhom minn fuq il-vetrini u t-tieninett għax ħadd ma jieħu gost jimtela bil-għabra. Il-kotba t-tajbin li salva Fr Xuereb qiegħdhom ġo żewġ gwardarobbi fil-librerija l-kbira u beda jqalleb ktieb ktieb biex jara x'kien fihom.

Kien hemmhekk li nstabu l-priedki u l-poeżiji ta' Baldacchino! Fr Xuereb qiegħed il-kotba bl-ordni u mmarka b'sinjal b'karta safra li tidher kull fejn kien hemm priedka bil-Malti. F'dan ix-xogħol ta' tiftix tawh ħafna għajnuna s-Sur u s-Sinjura Victor u Violet Schembri. B'xorti tajba, Fr Xuereb wera dawn il-priedki lill-Professur Oliver Friggieri, li malajr ħareġ bl-idea li almenu biċċa minnhom kien ta' min jippubblikahom għax il-proża tagħhom turi kif kien jinkiteb il-Malti fl-ewwel nofs tas-seklu Dsatax.

Kien instab kittieb tal-Malti li ma konniex nafu bih: wieħed li jsebbaħ u jimla vojt fl-istorja tal-proża Maltija.

Qabel nagħlaq irrid niżżi ħajr ukoll lil Patri Franġisku Azzopardi, Kapuċċin, li illegali b'qoxra ferma il-poeżiji li kienu nstabu. Mal-poeżiji żidt ukoll ittra li l-Kummissarju tat-Terra Santa kien bagħat lill-Prepostu biex jgħidlu li kien ġej San Filippu biex jagħmel il-Ġabra għall-Artijiet Imqaddsa. Din l-ittra titfa' xi ftit dawl fuq il-poeżiji. L-ewwelnett għax miktuba fis-sitta ta' Marzu 1813, u t-tieni nett għax Baldacchino uża faċċata li kien għad baqa' vojta biex fuqha kiteb ir-*rough copy* ta' tnejn mill-poeżiji tiegħu. Allura, hekk għandna mhux biss il-poeżiji imma wkoll id-data ta' bejn wieħed u ieħor meta nkitbu u r-*rough copy* bil-qtugħ u l-korrezzjonijiet ta' min kien qed jiktibhom.



*Canzonetta per implorare il Patrocinio di Maria Vergine*

*Maria prega al suo figlio diletto*

| | |
|---|---|
| | 1 |
| Maria dice | Isma' ibni il Maltin iseihhuli<br>U lema talb khedin jaghmluli<br>Bjesc nitolbochh li tahhfrillhom<br>U tnehhi il pesta li baghtillhom. |
| | 2 |
| Gesù risponde | L'Insara meta il flagelli natihom<br>Ibdeu itolbu biesc in-nah-hi-om<br>Lilech i-seihhu phal Om tal hhniena<br>Ma Jena mar-ric Insara hhziena |
| | 3 |
| M dice | L'Insara Maltin dejjem hhabbeuni<br>F-kol z-mien Khima ureuni<br>Imhhapti irrit issa nurihhom<br>Nitolboch il hhniena ghalihom. |
| | 4 |
| Gesù risponde | Jena uischa drabi hhfirtillhom<br>Uischa seihhat ghamiltillhom<br>Uma iddisprezzau is-seihhat<br>U ma emendasc ruhu Kulhat |
| | 5 |
| Maria dice | Tabilhach li bachu il hhziena<br>Ma Kalbek Kolhha hhniena<br>Urihom il hhniena ti ghech<br>U ma ipkhusc iziet ingrati mi ghech |
| | 6 |
| Gesù risponde | Khiridu li jena inhhen minnhom u nahfrilhom<br>Ik-korrespondu ghas-seihhat li naghmlilhom<br>Jaktghu il viziu, u ibidlu il hhaja<br>Khiridu lin-nehhi il flagel min ideja. |
| | 7 |
| Maria dice | Inti iva ghandech tkun mahbub<br>Ma huma fragili, u soggetti ghad-dnub<br>U huma Bnedmin minnech mahhlukin<br>U bit-batia, u iddem tighech mifdijin. |

8

Gesù risponde

Ghaliesc uma minni mahhlukin u mifdiin
Marric li fl'Infern imorru mitlufin
Fid-digna imbezzahhom u nichastigahom
Biesc fil Genna ghal dejem mighi narahom

9

Maria dice

Dana jena nafu u narah
Ma l'imhhassar irrit nicconsolah
Phal Omhom nitolboch ghalihom
Biesc tnehhi il flagel li khighet tatihom

10

Gesù risponde

Jena min fuch is-salip taitech b'Omhom
U phal Uliedech irridech l'izzommhom
Ma inti ben taf kif inseuni, u offendeuni
Li sa geua il Knejes nukhas ta rispett ureuni.

11

Maria dice

B'ragun hhat il flagel fi deich
Ghaliex dana Kollu chien tahhat ghaineich
Ma jena Om hhanina, u Avocata tal midimbin
Nitoboch il hhniena, biesc narahom mahfurin

12

Gesù risponde

Ma, dacha li titlob Kat scein ma nichhadlech
Il Grazia naghmilha bis ghal im-hhaptech
Ma marric nara fil hajja libertà u vanità,
Ma virtù, tieba, modestia, onestà u Carità.

13

Maria dice

Biesc spirtu hhazin ma ikharrachsc bihom
Bit-tentazioni li jaghmel geua fihom
Jena nas-sistihom, u niekaf mahhom
U fit-tentazzjoni inkun tarcha tahhom.

14

Gesù risponde

Jena mil ghajnuna ma nonkhoshhomsc
Inspirazioni ma nipchasc ma naghmlilhomsc
Hharsithom ghandhom jaghmluha chif irrid Jena
Khi ridu dejjem isibu ghandi hhniena

*AMEN*



*Canzonetta per implorare il Patrocinio di Maria Vergine*

*Mara prega al suo figlio diletto*

1

Maria dice

Isma' ibni il-Maltin isejħuli
U liema talb qegħdin jagħmluli
Biex nitolbok li taħfrilhom
U tneħħi il-pesta li bgħattilhom

2

Gesù risponde

L-Insara meta il-flagelli nagħtihom
Jibdew jitolbu biex inneħħihom
Lilek isejħu bħal Omm tal-ħniena
Ma Jiena ma rridx Insara ħżiena.

3

Maria dice

L-Insara Maltin dejjem ħabbewni;
F'kull żmien dejjem qima urewni
Imħabbti irrid issa nurihom
Nitolbok il-ħniena għalihom.

4

Gesù risponde

Jiena wisqa drabi ħfirtilhom
Wisqa sejħat għamiltilhom;
Huma iddisprezzaw is-sejħat
U ma emendax ruħu kulħadd.

5

Maria dice

Tabilħaqq li baqgħu il-ħżiena,
Ma, Qalbek kollha ħniena
Urihom il-ħniena tiegħek
U ma jibqgħux iżjed ingrati miegħek.

6

Gesù risponde

'K iridu li Jien inħenn minnhom u naħfrilhom
jikkorrispondu għas-sejħat li nagħmlilhom
Jaqtgħu il-vizzju u jbiddlu l-ħajja
'K iridu li nneħħi il-flaġell minn idejja.

7

Maria dice

Inti, iva għandek tkun maħbub
Ma, huma fraġili u soġġetti għad-dnub
U huma bnedmin minnek maħluqin
U bit-tbatija u d-demm tiegħek mifdijin.

8

Gesù risponde

Għaliex huma minni maħluqin u mifdijin
Ma rridx li fl-infern imorru mitlufin.
Fid-dinja nbeżżagħhom u nikkastigahom
Biex fil-ġenna għal dejjem miegħi narahom.

9

Maria dice

Dana jiena nafu u narah
Ma l-imħassar irrid nikkonslah
Bħal Ommhom nitolbok għalihom
Biex tneħħi l-flaġell li qiegħed tagħtihom.

10

Gesù risponde

Jiena minn fuq is-salib tajtek b'Ommhom
U bħal uliedek irridek iżżommhom
Ma inti ben taf kif insewni u offendewni
Li sa ġol-knejjes nuqqas ta' rispett urewni

11

Maria dice

B'raġun ħadt il-flaġell f'idejk
Għaliex dana kollu kien taħħat għajnejk
Ma, jien Omm ħanina, u Avukata tal-midinbin
Nitolbok il-ħniena biex narahom maħfurin.

12

Gesù risponde

Ma, daka li titlob Jien qatt ma nicħadlek
il-grazzja nagħmilha biss għal imħabbtek.
Ma ma rridx nara fil-ħajja libertà u vanità
ma virtù, tieba, modestja, onestà u carità.

13

Maria dice

Biex l-ispirtu ħażin ma iqarraqx bihom
Bit-tentazzjoni li jagħmel ġewwa fihom
Jiena nassistihom u nieqaf magħhom
u fit-tentazzjoni inkun tarka tagħhom.

14

Gesù risponde

Jiena mill-għajnuna ma nonqoshomx
Inspirazzjoni ma nibqax ma nagħmlilhomx
Ħarsithom għandhom jagħmlu kif irrid jiena
'K iridu dejjem isibu għandi ħniena.

*AMEN*



## TALBA LIL SAN PAWL U LIL SAN FILIPPU

San Pawl missier tagħna
Li d-dawl tal-fidi ġibtilna
Itlob 'l Alla u jieqaf magħna
Biex il-mard tal-Pesta imurilna

S. Filippu Neri, Missier tagħna
Int Prottettur u avukat tagħna
Itlob lil Marija Santissima għalina
Biex il-mard tal-pesta titlob li jmurilna.

## TALBA LIL S. PAUL U LIL S. FILIPPU

S. Paul Missier taghna
li dhaul tal fidi gibtilna
Itlob 'l Alla, u jekaf maghna
Biex il-mart tal-pesta immurrinna.

S. Filippu Neri Missier taghna
Inti Protettur, u Avuchat taghna
Itlob il Maria SS ghalina
Biex il-mart tal pesta titlob l'imurilna